# Nifirħu . . .

- lill-abbatini **Mason Camilleri** u **Mikiel Theuma** li din is-sena se jkunu parti mill-grupp tal-abbatini Għawdxin li telgħin Ruma nhar it-Tlieta biex jagħtu servizz fil-Bażilika ta' San Pietru ġewwa l-Vatikan, akkumpanjati wkoll mill-Arċipriet Krystof. Matul din is-sena huma ġew ippreparati b'xi korsijiet qosra ħalli jkunu jafu l-quddiesa bit-Taljan u bl-Ingliż; ikunu kapaċi jlestu kulma jkun meħtieġ għall-quddies; u jitgħallmu jagħrfu l-Altari tal-Bażilika ta' San Pietru biex imexxu lill-qassisin barranin li jiġu bin-nies f'pellegrinaġġ minn madwar id-dinja kollha. Matul din l-esperjenza nittamaw ukoll li jkollhom ix-xorti jiltaqgħu mal-Papa Ljun. Nawgurawlhom u nitolbu għalihom.
- lil **Michael Paul Camilleri** li ġie aċċettat biex jibda l-ewwel sena tal-formazzjoni saċerdotali tiegħu ġewwa s-Seminarju t'Għawdex. Dan wara li għadu kemm temm is-sena Propedewtika li servietu t'għajnuna fid-dixxerniment u bi preparazzjoni għas-snin tas-Seminarju. Tul din is-sena kellu l-opportunità li jgħix fil-komunità parrokkjali ta' San Lawrenz fejn ħalla impatt sabiħ fost iż-żgħażagħ u l-adolexxenti li magħhom kien jaħdem ta' kuljum. Ejjew inkomplu nakkumpanjawh bit-talb tagħna fil-mixja li għandu quddiemu.
- Nawguraw ukoll minn qalbna lis-Seminarista tagħna **Jamie Buttigieg** li bħalissa qiegħed iħejji ruħu għas-sena Intermedjarja li sejjer jgħixha ġewwa l-Italja. Żgur li l-Mulej ser ilaqqgħu ma' diversi esperjenzi li ser ikomplu jkabbruh u jgħinuh fid-dixxerniment vokazzjonali tiegħu. Ejjew inżommuh fit-talb tagħna.

Nhar il-Ġimgħa 7 t'Awwissu l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Nistednukom wara l-Quddiesa tal-5.00pm għas-Siegħa tal-Ħniena Divina. Il-preżenza tagħna f'dawn il-mumenti tkun talba lill-Ħniena t'Alla għal tant ħtiġijiet tagħna u tad-dinja.

**Okkażjoni oħra ta' tagħlim li tant għandna bżonn!**

Dun Ġorġ Preca dejjem kien jirrepeti li: "it-tagħlim hu l-għajn ta' kull ġid. Speċjalment dak kollu li titgħallem fuq Alla. Aktar ma nsiru nafu lil Alla, min hu u x'jagħmel, aktar niskopru kemm iħobbna u kif irid jaħdem id f'id magħna għall-ġid tagħna.

Għalhekk nemmen li l-okkażjoni tal-Ġimgħa Museumina hi tassew importanti kemm għaż-żgħar li tkompli ssaħħaħhom fl-impenn li jmorru l-Museum biex jitgħallmu ta' kuljum anki fis-sajf u għalina l-kbar għax it-tagħlim m'għandux skadenza jew limiti. Imma hu neċessarju għalina dejjem u kullimkien.

Għalhekk inħeġġukom tilqgħu l-istedina tagħna u tkunu magħna għal dawn l-attivitajiet:

**PROGRAMM 2026**

It-Tnejn 3 ta' Awwissu 8.00pm
Quddiesa ta' Radd il-Ħajr minn Mons. Salv Muscat

It-Tlieta 4 ta' Awwissu 8.00pm
Taħdita: 'Erba' Nisa u Dun Ġorġ' mis-Superjur Natalino Camilleri

L-Erbgħa 5 ta' Awwissu 8.30am
Jum it-Tfal. Nibdew b'Quddiesa fil-qasam

Il-Ħamis 6 ta' Awwissu 8.00pm
Adorazzjoni mmexxija minn Dun Reuben Micallef

Il-Ġimgħa 7 ta' Awwissu 8.30pm
Play b'tagħlima: 'Il-Kurat t'Ars'

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 7.00am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.00am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am

## Let us Rejoice!

We congratulate our altar servers Mason Camilleri and Mikiel Theuma, who this year will form part of the group of Gozitan altar boys travelling to Rome on Tuesday to serve at St Peter's Basilica in the Vatican, accompanied by the Archpriest, Fr Krystof. Throughout the year they have followed short training courses so that they would be able to serve Mass in both Italian and English, prepare everything needed for the liturgy, and become familiar with the altars of St Peter's Basilica in order to assist priests from around the world who come with pilgrims. During this experience, we also hope they will have the opportunity to meet Pope Leo. We wish them every blessing and assure them of our prayers.

We also congratulate Michael Paul Camilleri, who has been accepted to begin the first year of priestly formation at the Gozo Seminary. This follows the completion of his Propaedeutic Year, which helped him in his discernment and prepared him for seminary life. During this year he lived within the parish community of St Lawrence, where he left a positive impact on the young people and adolescents with whom he worked daily. Let us continue to accompany him with our prayers on the journey that lies ahead.

We also extend our heartfelt best wishes to our seminarian Jamie Buttigieg, who is currently preparing for his Intermediate Year, which he will spend in Italy. The Lord will surely bless him with many experiences that will help him grow and continue his vocational discernment. Let us keep him in our prayers.

Friday, 7 August is the First Friday of the month. We invite you to join us after the 5:00 p.m. Mass for the Hour of Divine Mercy. Our presence during these moments is a prayer to God's Mercy for our many needs and for those of the whole

## Another Opportunity for Learning – One We Greatly Need!

St George Preca always repeated: "Learning is the source of every good, especially everything you learn about God." The more we come to know God—who He is and what He does—the more we discover how much He loves us and how He wishes to work hand in hand with us for our good.

For this reason, I believe that the Museum Week activities are truly important, both for children, encouraging them to continue attending the M.U.S.E.U.M. classes and learning even during the summer, and for us adults, because learning has no expiry date or limits. It is always necessary, wherever we are.

Therefore, we warmly encourage you to accept our invitation and join us for the following activities:

### Programme 2026

Monday, 3 August – 8:00 p.m.

Thanksgiving Mass celebrated by Mgr Salv Muscat

Tuesday, 4 August – 8:00 p.m.

Talk: "Four Women and St George Preca" by Superior Natalino Camilleri

Wednesday, 5 August – 8:30 a.m.

Children's Day, beginning with Mass in the grounds

Thursday, 6 August – 8:00 p.m.

Eucharistic Adoration led by Fr Reuben Micallef

Friday, 7 August – 8:30 p.m

Play: "The Curé of Ars"

### Mass Times

**Sundays & Feasts:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**From Monday to Saturday:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Sacred Heart Church: from Monday to Saturday:** 11.00am **Sunday:** 7.00am
**Franciscans Convent Chapel: from Monday to Saturday:** 7.00am
**Sunday:** 6.15am; 10.00am (in English)